MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**

**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2015

Rikors Kongunt Numru. 552/2014

**AB**
**u**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt illi gie ikkonfermat bil-gurament miz-zewg rikorrenti, li permezz tieghu ippremettew:

Illi r-rikorrenti zzewgu nhar l-4 ta’ Settembru 1987, skont kif jidher mill-Att taz-Zwieg relattiv illi estratt minnu qed jigi hawn anness, esebit u mmarkat bhala Dok. A;

Illi miz-zwieg bejn il-partijiet twieldu zewgt itfal, cioe’ Mattia u Kara, illi huma ormai maggorenni : M li twieled fid-29 ta’ Marzu 1989 u K li twieldet fit-28 ta’ Novembru 1990;

Illi l-partijiet ikkonkludew separazzjoni personali permezz ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Charmaine Sant datat 30 ta’ Novembru 2011, illi kopja awtentikata tieghu qed tigi hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok B, u ghalhekk, jirrizulta li l-partijiet ilhom separati legalment minn xulxin ghal aktar minn erba’ snin skont kif mehtieg mill-Ligi;

Illi llum il-gurnata, il-partijiet ighixu hajja totalment separata minn xulxin bhalma ilhom issa ghal diversi snin twal, u ghalhekk ma ghad hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi inoltre ma hemm l-ebda manteniment dovut bejn il-partijiet u lanqas ma hemm l-ebda manteniment dovut versu z-zewgt ulied tal-partijiet mill-istess partijiet;

Illi mill-fuq premess isegwi illi f’dan il-kaz huma sodisfatti l-kriterji kollha mehtiega mill-Ligi sabiex jigi pronunzjat il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

Talbu li din il-Qorti joghgobha :

1. Tiddikjara l-hall taz-zwieg iccelebrat bejn il-partijiet nhar l-4 ta’ Settembru 1987, ai termini ta’ l-Artikolu 66D(2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta; u
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex entro t-terminu ffissat minn dina l-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-pronunzja ta’ hall taz-zwieg ossia d-divorzju bejn il-partijiet, sabiex dana jigi registrat fir-Registru Pubbliku ai termini ta’ l-Artikolu 66A (4) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-8 ta’ Jannar, 2015;

Rat l-affidavits bix-xhieda tal-partijiet;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom de facto separati ghal aktar minn erba snin u legalment separati mit-30 ta' Novembru 2011;

Illi ir-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejniethom u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------